**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-31 t'Awwissu 2023**

**Rikors Numru : 154/2022 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CS**

**vs**

**PS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CS datat 18 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponeneti zzewwget lill-intimat nhar 21 ta' Mejju 1982 (vide kopja tac-certifikat anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Fiona Zammit Armeni datat 22 ta' Gunju 2018 (vide kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok B);*

3. *Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet;*

4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Mejju 2016 (vide klawsola 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness Dok B) u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet anki peress li jghixu hajja separata (vide l-Affidavit tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala Dok C);*

5. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Għaldaqstant, dawn il-motivi ir-rikorrenti CS titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg taghha mall-intimat PS hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 28 t'Ottubru 2022 (Fol 21) li taqra hekk:

1. *Illi qabel xejn martu iddikjarat il-falz bil-gurament stante zewg itfal biss twieldu minn dan iz-zwieg. L-intimat ma hux missier iz-zewg itfal l-ohra;*
2. *Illi ghalhekk lanqas huwa vera li ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet;*
3. *Minghajr pregudizzju ghal dan l-esponenti jaqbel li ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju,*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-21 ta' Mejju 1982 u li minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma

rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni datat 22 ta' Gunju 2018. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom.

L-intimat xehed (Vide Fol 27) li llum huwa sseparat minn ma martu permezz ta kuntratt ta' separazzjoni. Xehed illi ftit qabel ma pproceda bis-separazzjoni nduna li tnejn mill-erbghat itfal li twieldu fiz-zwieg ma kienux tieghu.

Illi ghaldaqstant mhuwiex vera li bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet. Madanakollu huwa ma kellux oggezzjoni ghad-divorzju.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

> ***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Mejju 1982, liema zwieg jgib certifikat numru 845/1982 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni datat 22 ta' Gunju 2018. (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi minkejja li hemm kwistjonijiet pendent bejn il-kontendenti, l-intimat jidher herqan li jikseb id-divorzju.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 845/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqgu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**